# Knisja – Komunjoni

L-għaqda tal-membri tal-Knisja bejniethom u ma' Alla



# Knisja "waħda"

- Fil-Kredu tal-quddiesa nistqarru li l-Knisja hi "**waħda**, qaddisa, kattolika, appostolika."
- Meta ngħidu "waħda" inkunu nfissru li hi Knisja għandha tkun magħquda, mhux maqsuma. L-għaqda fl-imħabba, jew **komunjoni**, hi l-ogħla marka li biha għandha tingħaraf il-Knisja.
- Ix-xbieha tal-Knisja bħala ġisem b'ras waħda (Kristu)
  u ruħ waħda (l-Ispirtu s-Santu)
  turi kemm hija kbira l-għaqda
  li għandu jkun hemm fil-Knisja.



# Xi jrid Ġesù

- "Nagħtikom kmandament ġdid, **li tħobbu lil xulxin.** Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom li xulxin. Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom." Ġw 13, 34-35
- "… nitolbok li jkunu lkoll ħaġa waħda. Kif inti fija, Missier, u jiena fik, **ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina**, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni." Ġw 17, 21



# Il-problema tal-firdiet fil-Knisja



# L-ekumeniżmu

- Sabiex tingħeleb il-firda u tikber l-għaqda fost il-knejjes insara differenti ssir dik li tissejjaħ **ħidma ekumenika** jew **ekumeniżmu**.

- Din il-ħidma tinkludi
- ✓ laqgħat bejn il-mexxejja tal-knejjes,
- ✓ diskussjonijiet bejn l-istudjużi,
- ✓ laqgħat ta' talb flimkien bejn membri tal-knejjes differenti.



Il-Papa Benedittu XVI jiltaqa' mal-Patrijarka Ortodoss Bartilmew I



Laqgħa bejn studjużi Kattoliċi u Anglikani (ARCIC)



Il-komunità ekumenika ta' Taizé